



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0359/2013**

23.10.2013

**\*\*\***

## **RAKKOMANDEZZJONI**

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Iffabbrakar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-Munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali  
(12324/2013 – C7-0379/2013 – 2013/0083(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Véronique Mathieu Houillon

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	5



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Iffabbrakar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (12324/2013 – C7-0379/2013 – 2013/0083(NLE))**

### **(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (12324/2013),
  - wara li kkunsidra l-Protokoll kontra l-Iffabbrakar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-munizzjon tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-31 ta' Mejju 2001,
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 114(1) u 114(207), u punt (a) tal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0379/2013),
  - wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni li jimplementah<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport finali)<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0359/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Europol u l-Eurojust.

---

<sup>1</sup> (COM(2010)0171)

<sup>2</sup> Testi adottati ta' dik id-data. P7\_TA-PROV(2013)0384.

<sup>3</sup> Testi adottati ta' dik id-data. P7\_TA(2013)0245.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fil-15 ta' Novembru 2000, tikkostitwixxi l-ewwel strument globali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali u t-traffikar tal-armi tan-nar. Tliet protokoll jispjefikaw il-konvenzjoni billi jipprevedu miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra delitti speċifiċi. Il-protokoll jkopru t-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu ta' migranti, kif ukoll l-iffabbrakar u t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar. Il-Komunità Ewropea ffirmat il-Konvenzjoni u l-protokoll kontra l-kuntrabandu tal-migranti u kontra t-traffikar tal-bnedmin fit-12 ta' Diċembru 2000, kif ukoll il-protokoll kontra l-produzzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar fis-16 ta' Jannar 2002.

L-Unjoni approvat il-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'April 2004, u tal-protokoll kontra l-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin f'Lulju 2006. Il-protokoll kontra l-iffabbrakar u t-traffikar illeċiti tal-armi tan-nar ġie ffirmat fis-16 ta' Jannar 2002 iżda l-konklużjoni tiegħu ġiet posposta sakemm dan isir konformi mal-leġiżlazzjoni Ewropea.

Kif wiegħdet li se tagħmel, l-Unjoni Ewropea adattat il-leġiżlazzjoni tagħha dwar iż-żamma tar-reġistri, l-immarkar tal-armi tan-nar, id-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar, il-ħtiġijiet għas-sistemi ta' liċenzjar u awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, l-importazzjoni u t-tranżitu, it-tiħiħ tal-kontrolli fil-punti ta' esportazzjoni u l-attivitajiet tas-senserija.

Wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2005, bl-għan li jkun hemm aktar sigurtà fejn għandhom x'jaqsmu splussivi, detonaturi, materjal għall-iffabbrakar ta' bombi u armi tan-nar, il-leġiżlazzjoni Ewropea ġiet emendata. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 u t-13 ta' Ġunju 2007 dwar il-proċedura standard applikabbli fl-Istati Membri għall-finijiet ta' inkjesti transkonfinali mwettqa mill-forzi tal-pulizija dwar il-ktajjen tal-forniment tal-armi tan-nar sekwestrati jew irkuprati li jkunu intużaw f'attivitajiet kriminali, ittejjeb il-kwalità tat-traċċabilità u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-Direttiva 2008/51/KE temenda d-Direttiva 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi biex tinkludi dispożizzjonijiet ġodda konformi mal-protokoll dwar il-kummerċ tal-armi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament No 258/2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-armi tan-nar jinkludi l-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni u jipprevedi miżuri dwar l-importazzjoni u t-transitu tal-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom.

Wara r-riformi tal-istrumenti eżistenti u l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda, l-Unjoni Ewropea minn issa tista' tirratifika l-Protokoll kontra l-Iffabbrakar u t-Traffikar Illeċiti tal-Armi tan-Nar, il-Partijiet u l-Komponenti u l-munizzjon tagħhom.

### **Il-Protokoll kontra l-Iffabbrakar Illeċitu u t-Traffikar tal-Armi tan-Nar**

Erba' Stati Membri sa llum għadhom ma ffirmawx il-Protokoll u lanqas ma ħadu sehem fih: l-Stat Membru tal-UE ffirmaw il-Protokoll, u 16-il Stat Membru huma partijiet kontraenti. Ir-ratifika tal-Protokoll mill-Unjoni Ewropea se tagħmel id-dispożizzjonijiet tiegħu legalment vinkolanti għall-Istati Membri kollha fil-limiti tal-kompetenzi Ewropej.

Il-Protokoll għandu l-għan li jipprevjeni, jiġġieled u jelimina l-iffabbrakar u t-traffikar illeċiti ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti u l-munizzjon tagħhom.

Dan jirrakkomanda li jiġu penalizzati l-iffabbrakar u t-traffikar illeċiti ta' armi tan-nar, tal-partijiet, il-komponenti u l-munizzjon tagħhom u l-falsifikazzjoni jew it-tneħħija tal-immarkar tal-armi tan-nar, kif ukoll it-tentattiv jew il-faċilitazzjoni ta' tali ksur, soġġett għal Prattiki legali differenti ta' Stati li huma partijiet fih.

Il-Protokoll jipprevedi miżuri ta' konfiska ta' armi li jkunu ġew iffabrikati jew traffikati illegalment, u miżuri li jipprevjenu r-riattivazzjoni illeċita ta' armi tan-nar diżattivati.

L-immarkar tal-armi tan-nar waqt l-iffabbrakar, l-importazzjoni u t-trasferiment f'pajjiż għandu jkun żgurat mill-Istati parteċipanti sabiex jippermetti l-identifikazzjoni tal-produttur, il-pajjiż u s-sena tal-importazzjoni.

Kull Stat parteċipanti għandu jimpenja ruħu wkoll biex matul mill-inqas għaxar snin iżomm l-informazzjoni dwar l-armi tan-nar li hija meħtieġa biex jiġu traċċati u identifikati.

Il-Protokoll jitlob lill-Istati parteċipanti jimplementaw sistema effikaċi u armonizzata ta' liċenzji jew ta' awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni u l-importazzjoni, kif ukoll miżuri dwar it-tranżitu internazzjonali għall-kummerċ ta' armi tan-nar u t-tiżiħ tal-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet, il-punti tal-esportazzjoni, u l-kontrolli fil-fruntieri.

Il-Protokoll iħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati parteċipanti permezz ta' punt ta' kuntatt uniku sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati li jipprevjenu u jidentifikaw it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar u biex iwettqu inkjesti dwar dan.

### **Osservazzjonijiet tar-Rapporteur**

It-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, tal-partijiet, il-komponenti u l-munizzjon tagħhom igawdu minnu l-gruppi kriminali u t-terroristi peress li jiggarrantilhom sors ieħor ta' dħul u jżid tassew il-potenzjal distruttiv tagħhom.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplementa l-programm tal-Aja jinkludi proposta dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll kontra l-Armi tan-Nar.

Il-Programm ta' Stokkolma jerġa' jtenni li l-Unjoni għandha tkompli tippromwovi r-ratiffika tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali u tal-protokoll tagħhom, speċjalment dawk imħejjija fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, u jidentifika t-traffikar tal-armi bħala waħda mill-attivitajiet illeċiti li thedded lis-sigurtà interna tal-Unjoni Ewropea u li jeħtieġ li tiġi miġġielda bħala kwistjoni ta' prijorità. Ir-rapporteur tilqa' l-fatt li din hija wkoll waħda mill-prijoritajiet imsemmija fl-Istrateġija għas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2013 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

L-Europol minn dejjem segwa mill-qrib haġna l-iżvilupp ta' dan it-tip ta' kriminalità u l-analiżijiet tiegħu jifgħu dawl fuq l-iskala tat-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar fl-Ewropa. Diversi noti mit-tim tal-analiżi u tan-notifiki (SCAN) tal-Europol, diġà wissew lill-Istati Membri dwar il-grad għoli ta' riskju li joħloq it-traffikar illeċitu tal-armi. Notifika dwar "it-

traffikar illeċitu u l-moviment tal-armi tqal fi ħdan l-Unjoni Ewropea" u briefing ta' twissija bikrija dwar "il-Kalachinkov: produzzjoni, kummerċ u użu illegali fl-Ewropa" ġew ippubblikati fl-2010 u fl-2012. L-analiżi tat-theddiet iġġenerati mill-kriminalità organizzata serja mwettqa mill-Europol (SCOTA) fl-2013 turi li l-gruppi kriminali jużaw it-traffikar tal-armi bħala sors ta' dħul: Ġew identifikati 39 grupp kriminali minn 18-il pajjiż differenti bħala gruppi li jmxxu t-traffikar tal-armi tan-nar, jew bħala attività prinċipali tagħhom (25 grupp), jew bħala attività supplimentari (14-il grupp).

Dan il-Protokoll jippermetti titjib fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar billi l-armi jiġu kkontrollati aħjar permezz tal-immarkar, u l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni, u permezz tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Parteċipanti.

B'mod partikolari r-rapporteur tenfasizza l-importanza kruċjali tal-iskambju tal-informazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Protokoll; il-kriminalità m'għandhiex fruntieri u ma nistgħux niġġieldu b'mod effikaċi kontra kull tip ta' traffikar bħat-traffikar tal-armi sakemm l-Istati Membri ma jikkooperawx saħansitra aktar min-netwerks kriminali. Huwa essenzjali li tiġi skambjata informazzjoni dwar il-gruppi kriminali, il-metodi, il-mezzi u l-itinerarji użati, dwar l-armi tan-nar illeċiti, il-produtturi, in-negozjanti, l-importaturi u l-esportaturi awtorizzati, kif ukoll il-prattiki tajba dwar il-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar illeċiti. Jeżisti għadd kbir ta' strumenti ta' kontroll bħall-immarkar u s-sistema ta' awtorizzazzjonijiet u ta' liċenzjar tal-esportazzjoni jew l-importazzjoni. Iżda dawn is-sistemi mhumiex verament effikaċi sakemm l-informazzjoni ma tiġix ikkomunikata u kondiviża. Għaldaqstant ir-rapporteur qed titlob b'insistenza lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-iskambji ta' informazzjoni permezz tas-sistema ta' informazzjoni EIS tal-aġenzija Europol, li tippermetti l-elenkar, il-kondiviżjoni u l-kontroverifika ta' madwar għoxrin sett ta' data relatati mal-armi tan-nar illeċiti. Ir-rapporteur tilqa' wkoll l-istabbiliment ta' punt ċentrali fi ħdan il-Europol dwar it-traffikar tal-armi tan-nar, sabiex joffri appoġġ operazzjonali u strateġiku lill-inkjesti li għaddejjin.

B'hekk il-Protokoll jippermetti li tissaħħaħ is-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej, mingħajr ma dan ikun ta' detriment għall-utenti legali tal-armi tan-nar.

Għal din ir-raġuni li r-rapporteur tirrakkomanda ħafna r-ratifika tiegħu.



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	17.10.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Edit Bauer, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Ioan Enciu, Monika Flašíková Beňová, Hélène Flautre, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Roberta Metsola, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Wim van de Camp, Josef Weidenholzer, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alvaro, Ana Gomes, Stanimir Ilchev, Marian-Jean Marinescu, Andrés Perelló Rodríguez, Marie-Christine Vergiat